UFFIĊĊJU TAT-TRIBUNAL GĦAL
SERVIZZI FINANZJARJI,
ĊENTRU MALTI TAL-MEDJAZZJONI
158, TRIQ IL-MERKANTI,
VALLETTA VLT 1176

MALTA

OFFICE OF THE FINANCIAL
SERVICES TRIBUNAL
MALTA MEDIATION CENTRE
158, MERCHANT STREET,
VALLETTA VLT 1176

Dr Ian Stafrace LL.D. Chairman

Dr. Nicholas Valenzia LL.D. Membru

Mr. Joseph Azzopardi FCCA, FIA, CPA, MBA (Warwick) Membru

FST 05/21

Iosif Galea

vs.

Awtorita ghas- Servizzi
Finanzjarji ta' Malta

Illum 22 ta' Lulju 2026

It-Tribunal

Ra' l- Appell interpost mill- Appellant fejn iddikjara is-segwenti:

**Appell ta' Iosif Galea, detentur ta' Karta tal-Identità bin-Numru 467180M, ai termini tal-Artikolu 21 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap 330 tal-Liġijiet ta' Malta) wara d-deċiżjoni tal-Awtorità għas-**

**Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) datata l-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena 2021**

**Jesponi bir-rispett:**

Illi fil-11 ta' Novembru 2021, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"**MFSA**" jew l-"**Awtorità appellata**" imponiet multa amministrattiva fil-konfront tal-appellant fl-ammont ta' tlieta u ħamsin elf tliet mija u tlieta u tletin Ewro (€53,333) ai termini tal-Artikolu 9 tal-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"**Att**").

Illi din il-multa ġiet imposta bħala penali għall-allegat ksur tal-Artikoli 3(1) u 10(1)(b) tal-Att. Inoltre, l-Awtorità appellata ordnat lill-appellant sabiex ma jibqax jipprovdi servizzi li jeħtieġu l-awtorizzazzjoni u/jew reġistrazzjoni mal-istess MFSA, inkluż kwalunkwe servizz bħala provditur ta' servizz lil kumpanniji, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 16(2) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"**Att dwar l-MFSA**");

Illi l-appellant ħass ruħu aggravat minn din id-deċiżjoni tal-Awtorità appellata u għalhekk qiegħed jinterponi dan l-umli appell;

Illi l-aggravji tal-appellant huma ċari u manifesti u jinkwadraw ruħu fil-parametri tar-rekwiżiti tal-Art 16 tal-Att u l-Art 21(9) tal-Att dwar l-MFSA, u jikkonsistu fis-segwenti:

**1. L-Ewwel Aggravju: Applikazzjoni ħażina u/jew inġusta tal-Liġi**

1.1. Illi d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata hija, b'ammissjoni tagħha stess, ibbażata fuq l-attività tal-appellant qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att L tal-2020 illi emenda l-Att b'mod sostanzjali, partikolarment f'dak li jikkonċerna l-massimu tal-penali illi l-Awtorità appellata tista' timponi. Dan huwa kkonfermat mill-Awtorità appellata stess meta, f'paġna sebgħa (7) tal-ittra tagħha lill-appellant

datata l-25 ta' Ottubru 2021 (mmarkata bħala 'Annex A' mad-deċiżjoni appellata), tgħid hekk:

> "This request for authorisation under the new regime does not however justify the wrongdoing perform[ed] by the applicant in previous years under the old regime."

1.2. Illi ġialadarba l-attivitajiet in kwistjoni seħħew qabel il-dħul fis-seħħ tal-Att L tal-2020, l-aġir tal-appellant għandu jiġi regolat bil-liġi kif promulgata qabel id-dħul fis-seħħ tal-imsemmi Att;

1.3. Illi qabel id-dħul fis-seħħ tal-imsemmi Att, il-penali amministrattiva li setgħet timponi l-Awtorità ma setgħetx teċċedi l-ħamsa u għoxrin elf Ewro għal kull allegat ksur ta' xi disposizzjoni tal-Att. Kien biss wara t-tibdil leġislattiv surreferit illi l-penali massima ġiet irdoppjata sa ħamsin elf Ewro (€50,000);

1.4. Illi għaldaqstant, l-Awtorità appellata kienet għal kollox skorretta fil-kalkoli tagħha fir-rigward tal-komputazzjoni tal-penali imposta fuq l-appellant, u dana peress illi l-massimu li hija setgħet timponilu għal kull allegat ksur kien ta' €25,000, u mhux ta' €50,000;

1.5. Illi inoltre, l-Awtorità appellata tispjega, fis-sentenza appellata kif ukoll fl-ittra preċedenti li kienet intbagħtet lill-appellant, il-fatturi u l-metodoloġija applikata sabiex wasslet għal-likwidazzjoni tal-penali fl-ammont ta' €53,333. Fil-fatt, f'paġna 4 tal-ittra datata l-25 ta' Ottubru 2021, jingħad speċifikament:

> "According to Article 9 of the CSP Act the Authority has the power to impose administrative penalties of €50,000 per infringement or failure to comply. The Authority determines a figure that reflects the seriousness of the breaches identified. However, in order to ensure proportionality when computing the *quantum* of the proposed administrative penalty, the Authority also considers the natural person's (or the "individual") financial strength."

1.6. Illi l-istess Awtorità żżid illi fil-komputazzjoni tagħha, hija kkunsidrat illi d-dħul tal-appellant derivanti minn servizzi lil kumpanniji ('CSP Activity') kien ta' €221,750, u konsegwentement ġie meqjus f'Kategorija B tal-kategorazzjoni tal-individwi ai termini tal-klassifika presentata mill-istess Awtorità appellata f'paġna 5 tal-ittra tagħha lill-appellant, riprodotta hawn taħt:

| **Categorisation of an Individual on the Basis of Revenue** | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Individual Grouping** | **A** | **B** | **C** | **D** | **E** | **F** |
| **Proportionality: Revenue Classification** | Over €250,000 | Over € 150,000 to € 250,000 | Over € 100,000 to € 150,000 | Over € 50,000 to € 100,000 | Over € 20,000 to € 50,000 | Up to € 20,000 |

1.7. Illi din il-konklużjoni tal-Awtorità appellata hija waħda għal kollox żbaljata u dana peress illi, kif jista' jiġi ampjament pruvat, id-dħul tal-appellant derivanti mis-servizzi lil kumpanniji huwa ferm inqas minn dak illi tallega l-MFSA. Fil-fatt, ser jirriżulta mill-provi u/jew xhieda prodotti illi d-dħul medju annwali tal-appellant minn din l-attività kien inqas minn mitt elf Ewro (€100,000) u li għalhekk kellu jitqies bħala individwu fil-Kategorija D ai fini tal-komputazzjoni tal-penali imposta;

1.8. Illi dan huwa fattur determinanti fil-kalkolu tal-penali, għaliex ifisser illi l-multa imposta għal kull allegat ksur kellha tkun ferm inqas, u dan skont l-istess sistema ta' komputazzjoni spjegata mill-Awtorità appellata, riprodotta hawn taħt:

| | **Company / Infringement Categorisation Scoring Matrix Max Penalty Eur 50,000** |
|---|---|

| Amounts in EUR | | Individual Grouping | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B | C | D | E | F |
| Infringement Categorisation | **Very High** | 50,000 | 41,667 | 33,333 | 25,000 | 16,667 | 8,333 |
| | **High** | 41,667 | 33,333 | 26,667 | 20,000 | 13,333 | 6,667 |
| | **Medium** | 33,333 | 30,000 | 23,333 | 16,667 | 10,000 | 5,000 |
| | **Low** | 26,667 | 23,333 | 20,000 | 13,333 | 6,667 | 3,333 |
| | **Very Low** | 16,667 | 13,333 | 10,000 | 6,667 | 3,333 | 1,667 |

Minn din il-klassifika jidher ċar illi l-Awtorità appellata waslet għall-penali fl-ammont ta' €53,333 billi imponiet multa ta' €30,000 fir-rigward tal-allegat ksur tal-Art 3(1) tal-Att (ksur meqjus fil-kategorazzjoni 'Medium') kif ukoll multa oħra ta' €23,333 fir-rigward tal-allegat ksur tal-Art 10(1)(b) tal-Att (ksur meqjus fil-kategorazzjoni 'Low').

1.9. Illi madankollu, tenut kont tal-fatt illi a) il-liġi applikabbli fil-konfront tal-appellant kellha tkun dik fis-seħħ fiż-żmien illi seħħ l-allegat ksur, u b) li d-dħul tal-appellant kien ferm inqas minn dak stipulat mill-Awtorità tant illi huwa kellu jaqa' taħt il-Kategorija D fil-kategorazzjoni tal-individwi, l-appellant umilment jissottometti illi, fl-agħar ipotesi u strettament mingħajr preġudizzju għall-aggravji l-oħra tal-appellant, il-penali fil-konfront tiegħu kellha tammonta għal ħmistax-il elf Ewro (€15,000) u dan jekk wieħed jikkomputaha bil-mod segwenti:

| | | Company / Infringement Categorisation Scoring Matrix Max Penalty Eur 25,000 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Amounts in EUR** | | **Individual Grouping** | | | | | |
| | | **A** | **B** | **C** | **D** | **E** | **F** |
| | **Very High** | 25,000 | 20,833 | 16,667 | 12,500 | 8,333 | 4,167 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Infringement Categorisation | **High** | 20,833 | 16,667 | 13,333 | 10,000 | 6,667 | 3,333 |
| | **Medium** | 16,667 | 15,000 | 11,667 | 8,333 | 5,000 | 2,500 |
| | **Low** | 13,333 | 11,667 | 10,000 | 6,667 | 3,333 | 1,667 |
| | **Very Low** | 8,333 | 6,667 | 5,000 | 3,333 | 1,667 | 833 |

1.10. Illi, di piu, fir-rigward tal-penali marbuta mal-allegat ksur tal-Art 3, l-Awtoritá appellate kienet applikat skont ossia riduzzjoni ta' għaxra fil-mija (10%) tal-multa massima applikabbli lil dawk l-individwi li jaqgħu taħt il-Klassifika A. Applicando din l-istess riduzzjoni fil-kategorija li fiha kellu jitpoġġa l-appellant, il-penali fil-konfront ta' dan l-allegat ksur kellha għalhekk tammonta għal sebat elef u ħames mitt Ewro (€7,500). Meta wieħed iżid ma din il-multa applikata għall-allegat ksur tal-Art 10(1)(b) tal-Att, il-penali fil-konfront tal-appellant, fl-agħar ipotesi, kellha tammonta għal mhux aktar minn **<u>erbatax-il elf mija sebgħa u sittin Ewro (€14,167).</u>**

1.11. Illi huwa ċar, għalhekk, illi l-penali imposta mill-Awtorità hija waħda skorretta u ferm ogħla milli kellha tkun skont il-komputazzjoni tagħha stess, u li għalhekk, fl-agħar ipotesi għall-appellanti, tali penali għandha tiġi ridotta sostanzjalment sabiex tirrifletti l-komputazzjoni b'mod ġust, u b'applikazzjoni tal-liġi korrett, kif spjegat iktar 'il fuq f'dan l-aggravju.

**2. It-Tieni Aggravju: Deċiżjoni manifestament inġusta u li tilledi d-drittijiet fundamentali tal-appellant**

2.1. Illi strettament mingħajr preġudizzju għall-aggravju preċedenti, it-tieni aggravju tal-appellant huwa ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi d-deċiżjoni appellata hija nulla u bla effett fil-liġi stante li l-procedura adoperata mill-Awtorità appellata fil-konfront tal-appellant, il-liġi stess li ġiet applikata, li abbażi tagħha, l-MFSA imponiet s-sanzjoni in kwistjoni kif ukoll it-trattament

mogħti lill-appellant kienu u huma leżivi tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-istess appellant.

2.2. Illi f'dan l-istadju, ser jiġu indikati s-segwenti leżjonijiet kostituzzjonali li fir-rigward tagħhom l-appellant jirriserva li jressaq provi u jagħmel sottomissjonijiet ulterjuri:

a) It-tip ta' sanzjoni imposta hija, skont ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, ta' natura penali minkejja li hija deskritta bħala waħda amministrattiva, u għalhekk kull proċedura li twassal għall-imposizzjoni tal-istess għandha tħares il-prinċipji sanċiti taħt id-dritt għal smiegħ xieraq, fosthom li l-proċedura tkun regolata minn tribunal indipendenti u imparzjali. F'dan il-każ ċertament li l-Awtorità appellata ma tikkwalifikax bħala tribunal indipendenti u imparzjali u wisq inqas l-istess Awtorità appellata ma rrispettat il-prinċipji tas-smiegħ xieraq jew ikkonċediet l-istess drittijiet lill-appellant
b) Il-piena imposta ċertament li ma hijiex waħda proporzjonata, anzi hija waħda inġusta u eċċessiva għall-aħħar meta kkunsidrata mal-introjtu li seta' gwadanja l-appellant minn kwalunkwe allegat ksur tad-disposizzjonijiet legali in kwistjoni;
c) L-arbitrarjetà tal-proċedura kif ukoll in-nuqqas ta' parità tal-armi bejn il-partijiet.
d) Vjolazzjoni tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali b'mod partikolari dak ta' *nemo judex in causa propria.*
e) Diskriminazzjoni fit-trattament da parti tal-Awtorità appellata fil-konfront tal-appellant meta mqabbel mat-trattament mogħti lil persuni oħra – kemm naturali kif ukoll legali – għal fatti u vjolazzjonijiet allegati simili, jekk mhux identiċi, għal dak tal-każ odjern.

2.3. Id-drittijiet fundamentali tal-appellant ġew leżi bl-aktar mod gravi u evidenti hekk kif il-proċedura addottata mill-Awtorità appellata fl-investigazzjoni tiegħu kienet waħda vizzjata u għalhekk kemm il-proċess innifsu kif ukoll ir-riżultat tiegħu huwa vizzjat.

2.4. Illi fil-fehma umli tal-appellant, tali vjolazzjonijiet huma serji biżżejjed tant illi ghandhom iwasslu ghat-thassir tad-decizjoni appellata.

2.5. Illi ghal kull buon fini, l-appellant ser jintavola proceduri *ad hoc* quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civli (Sede Kostituzzjonali), sabiex tali laljanzi tiegħu jigu indirizzati u jinghata rimedju xieraq skont il-ligi.

2.6. Illi gialadarba tali proceduri min-natura taghhom ser ikollhom effett mhux zghir fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri, l-appellant ser ikun qiegħed jitlob illi pendenti l-konkluzjoni tal-proceduri kostituzzjonali, il-proceduri quddiem dan it-Tribunal jieqfu sakemm il-proceduri kostituzzjonali jigu determinati definittavement u dan it-Tribunal ikun jista' jimxi skont l-ezitu ta' dawk il-proceduri.

**Għaldaqstant,** l-appellant, filwaqt illi jirreferi għall-atti proċesswali, jirriservi illi jagħmel is-sottomissjonijiet u osservazzjonijiet kollha li jidhirlu xierqa, jipproduċi l-provi kollha neċessarji u ammissibbli skont il-Liġi f'dan l-istadju, jitlob bir-rispett lil dan it-Tribunal jogħġbu jilqa' l-aggravvji tiegħu jħassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorità appellata fil-konfront tal-appellant datata l-ħdax ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (11.11.2021) u konsegwentament tiddikjara l-istess deċiżjoni bħala nulla u bla validità fil-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-Awtorità appellata u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-appellant fil-liġi.

Ra ir-risposta ta' l- Awtorita fejn iddikjarat is-segwenti:

Illi d-decizjoni tal-11 ta' Novembru 2021 tal-Awtorita' fil-konfront tal-Awtorita' hija gusta u timmerita konferma.

Illi l-aggravji mqajma mill-appellant ser jigu ndirizzati bl-istess mod kronologiku li bih gew imqajma.

**l-Ewwel Aggravju**

Illi l-appellant qed jargumenta li hemm applikazzjoni hazina jew ingusta tal-ligi.

Fil-fatt dan l-aggravju jista' jinqasam fi tnejn.

L-ewwel parti tirrigwarda aspett ta' applikabilita' transitorja tal-penali applikata; u t-tieni parti tirrigwarda l-*quantum* tal-multa imposta.

<u>1. Aspett transitorju</u>

Illi l-appellant jghid li d-decizjoni tal-Awtorita appellata hija, b'ammissjoni taghha stess, ibbazata fuq l-attivita' tal-appellant qabel id-dhul fis-sehh tal-Att L tal-2020 illi emenda l-Att b'mod sosta nzjali, partikolarment f'dak li jikkoncerna l-massimu tal-penali illi l-Awtorita appellata tista ' timponi.

Illi fl-ewwel lok huwa ta' konfort li jidher li l-appellant qed jaccetta li huwa ghamel attivita' mhux awtorizzata u kiser id-dispost tal-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpaniji (Kap. 529).

Illi kif ser jigi pruvat fil-kors tal-kawza, l-appellant beda b'tali ksur immdjatament malli gie fis-sehh l-istess Kap. 529 u baqa' ghaddej jikser id-disposti tal-ligi b'manjieri differenti sas-sena 2021.

Illi ma hux minnu li d-decizjoni tal-Awtorita hija bbazata biss fuq attivitajiet li sehhew biss qabel ma gie emendat l-Att fis-sena 2020. Kiem hemm ksur qabel l-2020, u kien hemm ksur wara l-2020.

Illi l-argument tal-appellant ma jreggix. Li tghid li stante li l-ksur beda qabel ma giet emendata l-ligi, ghalkemm il-ksur estenda ghall-wara li giet emendata l-ligi, b'daqshekk ma jfissirx li inti mhux ser tinqabad bl-emendi fil-ligi. Il-logika tal-appellant issir insostenibbli jekk wiehed jaghmel analogija ma' dan l-ezempju: Tizju ma jirregistrax ghall-VAT u jibda jbiegh fl-2014. Fl-2020 tinbidel il-ligi u min jinqabad ibiegh bla VAT jehel multa harxa. Wara din l-emenda Tizju jibqa' jbiegh bla VAT. Tizju jinqabad. Skond l-appellant peress li beda jbiegh bla VAT fl-2014 allura

l-multa harxa ma tapplikax ghalih.  Dan ma jaghmilx sens legali.

Illi l-appellant ukoll jikkwota minn pagna 7 tal-ittra taghha lill-appellant datata l-25 ta' Ottubru 2021 (mmarkata bhala 'Annex A' mad-decizjoni appellata). Il-kwotazzjoni fl-appell tal-appellant, taqra' hekk:

"This request for authorisation under the new regime does not however justify the wrongdoing perform[ed] by the applicant in previous years under the old regime."

Madankollu din il-kwotazzjoni hija mehuda ghal kollox barra mill-kuntest taghha.

Hawnhekk l-Awtorita kienet qed tispjega r-ragunijiet kif il-penali kienet giet ikkalkulata u kienet qed tispjega kif ghal certi professjonjiet, bil-ligi tal-2020 kien hemm assoluzzjoni fuq attivitajiet sa' dakinhar maghmula, mentri ghall-appellant dan ma kienx applikabbli. Fil-fatt il-kwotazzjon intera taqra' hekk:

***''The Authority is aware that you have recently submitted a PQ to apply for authorisation. This PQ is a result of the recent introduction to Act L of 2020 amending the CSP Act, the Corporate Services sector has now been extended to those who were previously exempt from authorisation namely: warranted professionals, accountancy, and audit firms[1] and individuals which fell within the De Minimis threshold. This request for authorisation under the new regime, does not however justify the wrongdoing perform by the applicant in previous years under the old regime.''***

Illi una volta l-infrazzjoni baqghet tigi kommessa wara l-2020, l-Awtorita kienet korretta li hadmet il-penali a bazi tal-ammont skond l-emendi tal-2020.

2. Il-*quantum* tal-multa imposta

Illi t-tieni parti tal-ewwel aggravju titratta l-ammont tal-penali kif giet ikkalulata..

[1] Authorised in terms of Article 10 of the Accountancy Profession Act

Illi l-appellant jibbaza l-appell tieghu billi jikkwota minn pagna 4 tal-*minded letter* tal-25 t' Ottubru 2021. Pero'  l-kwotazzjoni ghal darb'ohra hija selettiva. Fil-fatt il-kwotazzjoni kollha kellha tkun:

*''According to Article 9 of the CSP Act the Authority has the power to impose administrative penalties of €50,000 per infringement or failure to comply. The Authority determines a figure that reflects the seriousness of the breaches identified. However, in order to ensure proportionality when computing the quantum of the proposed administrative penalty, the Authority also considers the natural person's (or the ''individual'') financial strength.* ***In doing so it takes into account the average revenue generated by the individual during the past three years. Where this is not available, the Authority shall take the only amount's available to mean the aggregate revenue generated for the past three years. The Authority took into consideration the revenue derived from CSP activity as stated by your kind self in the Personal Questionnaire (''PQ'') submitted to the Authority in April 2021, which amounted to €221,750 (for the year 2020).''***

Illi wiehed ma jistax jifhem kif l-appellant issa qed ighid li l-qliegh tieghu ma jeccedix €100,000, meta hu sress mill-Questionnaire minnu sottomess iddikjara qliegh ta' €221,750.

Illi b'din id-dikjarazzjoni l-appellant bilfors irid jigi kkunsidrat f'Kategorija B u mhux f'Kategorija D, kif issa jixtieq li jigi kkunsidrat.

Illi hawn qed tigi esebita l-formola mimlija mill-istess appellant fejn hu stress qed ighid li jaqa' f;Kategorija B u li l-qliegh tieghu huwa ta' €221,750.

Dan tqajjem ukoll fil-*minded letter* mibghuta lill-appellant, u ma saret ebda rappresentazzjoni dwar dan.

Illi in vista tas-suespost dan l-aggravju fit-totalita' tieghu ghandu jigi michud.

**It-Tieni Aggravju**

It-Tieni Aggravju dan it-Tribunal ltaqa' mieghu diversi drabi u l-gurisprudenza hija

kostanti fis-sena illi dan it-Tribunal m'ghandux il-gurisdizzjoni li jisma il-lamentela mressqa f'dan l-aggravju.

Fil-fatt il-gurisdizzjoni tat-Tribunal hija limitata ghal dak li jinstab f'artikolu 21(9) tal-Kap. 330.

Illi l-appellant jistrieh fuq gurisprudenza precedenti ta' dan it-Tribunal, fosthom il-kaz James Blake vs L-Awtorita ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta deciza fil-21 ta' Ottubru 2020, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil- 21 t' April 2021.F'dan il-kaz kienu tqajmu l-istess argumenti li huma mqajma fit-tieni aggravju. Fil-fatt it-Tribunal kien iddecieda:

> *"[...] minkejja l-fatt li l-aggravju propost mill-appellant huwa, fil-fehma ta' dan it-tribunal, indubbjament ta' ordni pubbliku, ikun kontro-sens li dan it-tribunal jammetti aggravju ġdid li jeżorbita mill-mansjonijiet u mill-kompetenza tiegħu. Lanqas ma jista' dan it-tribunal jikkonsidra jekk hemmx lok li jirreferi l-kwistjoni lill-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali, in kwantu din is-setgħa hija riservata għal 'qorti' kif din il-kelma hija ndikata li tfisser mill-Kostituzzjoni u mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u mhux għal kwalsiasi tribunal ġudizzjarju"*;

Illi tant l-appellant jaqbel illi ma setax iqajjem it-tieni aggravju quddiem dan it-Tribunal, li huwa stress ighid li kien ser jintavola proceduri quddiem il-Prim' Awla Tal-Qorti Civil (Sede Kostituzzjonali).

Ghaldaqstant anke dan l-aggravju ghandu jigi michud.

Illi ghalhekk l-appell kollu tal-appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellant.

Ra il- provi imressqa mill- Partijiet u wara li sema it-Trattazzjoni ikkunsidra:

L- Appellant tramite l- appell tieghu li wasal ghand it-Tribunal fl- 10 ta' Dicembru 2021 ressaq zewg aggravji sabiex jikkontesta id-Decizjoni ta' l- Awtorita tal- 11 ta' Novembru 2021 u cioe:

a. L- Ewwel Aggravju: Applikazzjoni hazina u/jew ingusta tal- Ligi;

b. It-Tieni Aggravju: Decizjoni manifestament ingusta u li tilledi d-drittijiet fundamentali tal- appellant.

Illi l- Awtorita wiegbet ghall-istess billi dwar l- Ewwel Aggravju hija tghid illi applikat il-Ligi it-tajba kif ukoll illi l- komputazzjoni tal- multa kienet wahda korretta. Rigward it-tieni aggravju l-istess Awtorita wiegbet illi dan imur oltre il- gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.

Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:

Illi it-Tribunal sejjer l- ewwel jikkunsidra **it-tieni aggravju**.

1. Illi fil- mori ta' dan l-Appell, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fl- appell MC Trustees (Malta) Limited vs. Malta Financial Services Authority (Appell numru 82/23) tramite decizjoni tat- 3 ta' April 2024, iddecidiet fuq punti li certament ghandhom relevanza ghal- kaz odjern.

2. Illi f' dak il- kaz, l- OnorabblI Qorti ta' l-Appell qalet is-segwenti:

   *Jekk il-Qorti kellha taċċetta li l-ewwel żewġ aggravji preliminari tas-soċjetà appellata kellhom jiġu kkunsidrati kif deherlu t-Tribunal, mil-lat ta' proċedura difettuża addotata mill-Awtorità appellanta, dan seta' biss jagħmlu jekk kien permess ai termini tas-subartikolu 21(9) tal-Kap. 330. Madankollu jirriżulta biċ-ċar mid-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, li huwa ma kellu l-ebda kompetenza jittratta l-ilmenti tas-soċjetà appellata. Kif sewwa fehmet l-Awtorità appellanta, is-soċjetà appellata ttentat tqiegħed l-ilmenti tagħha fl-ambitu tal-imsemmija disposizzjonijiet, senjatament dawk tas-subinċiż (b), fejn dan jagħti lok għal appell meta hemm allegazzjoni li d-deċiżjoni tal-Awtorità appellanta hija 'inġusta manifestament'. Iżda l-Qorti tgħid li l-aggravji tagħha jittrattaw ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq riżultat tal-proċess li wassal għall-impożizzjoni tal-penali amministrattiva, filwaqt li s-subinċiż suriferit jikkunsidra appell minn deċiżjoni tal-Awtorità appellanta meta din tkun manifestament inġusta fil-mertu.*

3. Illi l- Onorabbli ta' l-Appell kienet ferm cara fl-interpretazzjoni taghha ta' l-artikolu 21(9) li a bazi tieghu hija stabbilita il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal, u certament illi

rinfacat minn aggravji simili jekk mhux identici ghall- kaz li fuq iddecidiet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, it- Tribunal ihoss illi ghandu jabbraccja tali insenjament.

4. Illi ghaldaqstant, it-Tieni Aggravju qieghed jigi michud u dan ghar-ragunijiet fuq premessi.

Illi issa it-Tribunal ser iqis l- **Ewwel Aggravju**

5. Illi kif diga inghad, dan l- Ewwel aggravju huwa maqsum fi tnejn.

6. L- ewwel parti tal- aggravju hija dawr jekk l- Awtorita kienetx korretta meta applikat il- Kap, 529 tal- Ligijiet ta' Malta. It-Tieni parti tal- aggravju, u li fuqu jidher li gie iffukat l- appell kollu, kien dwar il- korrettezza tal- komputazzjoni tal- multa li minnha qieghed jilmenta l- Apppellant.

7. Illi pero qabel xejn it-Tribunal jixtieq jissoleva is-segwenti.

8. La mar-rikors ta' l- Appell u lanqas mar-risposta ta' l- Awtorita ma giet esebita id-Decizjoni li minnha sar l- appell. Izjed minn hekk, waqt l- appell, kemm l- Appellant kif ukoll l-ufficjali ta' l- Awtorita semmew il- Minded Letter li l- Awtorita harget qabel l-istess Decizjoni kif ukoll ir-risposta li l-istess Appellant kien, tramite l-Avukati tieghu, ressaq bi twegiba ghall-istess Minded Letter. Illi anke hawn dawn id-dokumenti ma gewx esebiti. It-Tribunal diga kellu l-okkazzjoni li jirrimarka kif dawn id-dokumenti daqshekk basici ma jkunux ad disposizzjoni tieghu immedjatament u minnghajr il- htiega li l-istess jitressqu bhala prova minn xi hadd. It-Tribunal ghadu u jibqa perpless kif jista jiddeciedi fuq appell meta id-Decizjoni li minnha qieghed isir l-appell lanqas biss hija in atti. Izjed minn hekk, il- partijiet, fir-rikors ta' l- Appell u fir-risposta jirreferu ghall-istess Decizjoni tant illi l- Awtorita tallega, fir-risposta taghha illi l- Appellant kien selettiv meta kkwota partijiet mill-istess ittra (Decizjoni). Illi fl-istadju tal- provi, l- Awtorita, u anke l- Appellant, sahansitra jaghmlu referenza ghall- minded letter, li kif nafu tinhareg qabel id-Decizjoni u li a abzi ta' l-istess, l-

Appellant kellu l- okkazzjoni li jirribatti dak li l- Awtorita tkun intimat. Illi anke hawn, l- Awtorita tallega illi l- Appellant ma ressaq l- ebda twegiba fil- mertu, filwaqt li l- Appellant jirreferi ghall-skambju u risposti li lanqas huma in atti.

9. Illi ovvjament, l- Appell huwa kontestazzjoni bejn l- Appellant u l- Awtorita Appellanta, li ghazlu huma xi provi jressqu quddiem it-Tribunal. U certament li hawn it-Tribunal ma jistax hlief li jiddeciedi fuq l- atti hekk kif prezentati quddiemu u xejn izjed.

10. Illi mill- atti jirrizulta illi l- Appellant kien jaghmel xoghol li jaqa that il- Kap. 529 tal-Ligijiet ta' Malta. Minkejja li tali servizzi seta kien li bdew qabel id-dhul fis-sehh tal-Kap. 529, ma jidhirx li hemm kontetazzjoni li fil- fatt dawn komplew anke wara. Tant illi skond l- Awtorita, u ma jidhirx li dan il- punt gie ikkontestat mill- Appellant, l-Appellant, meta rceiva il- Minded Letter, kien anke propona li jkun hemm kompromess fuq il- multa oltre il- fatt li kien aplika biex jinghata licenzja ta' CSP.

11. Illi ghalhekk, l- ewwel parti tal- ewwel aggravju qeghdha tigi michuda.

12. Nghaddu issa ghall- metodu ta' komputazzjoni tal- multa. L- Appellant jargumenta illi huwa ghand "dhul" jew "income" ferm inferjuri minn dak li fuq hadmet il- multa l-Awtorita. Sabiex isostni dan, huwa esebixxa it-tax returns tieghu ghas-snin 2018, 2019 u 2020. L- Awtorita, da parti taghha, tirrefri ghall- PQ li l- Appellant kien issottometta f' April tas-sena 2021meta applika ghall- licenzja fejn dan indika "revenue" ta' € 221,750. L- Awtorita esebiet kopja ta' dan il- PQ. Fir-risposta ghall-appell l- Awtorita tghid illi "l- qliegh tieghu huwa ta' € 221,750". L- Appellant isostni illi dak li jirregola id-dhul huwa effettivament ir-returns tat-taxxa u mhux PQ minnu sottomessa.

13. Illi fl- appell tieghu, l- Appellant jirreferi ghall- tabella uzata mill- Awtorita tramite liema hija ikklassifikat l' attivita ta' l- Appellant, a bazi ta' "revenue" fil- klassi B u li l-istess tinsab, skond l- Appellant, f' pagna 5 tad-Decizjoni. Hawn it-Tribunal jerga jtenni illu huwa m' ghandux kopja ta' din id-Decizjoni. L- Appellant ikompli illi a bazi ta' tali klassifikazzjoni il- multa dwar il- ksir tal- Art. 3(1) kienet ta' € 30,000 filwaqt li dik ghal ksur ta' l- Art. 10(1)(b) kienet ta' € 23,333.

14. Ma jidhirx li tant hemm kontestazzjoni dwar dawn il- punti fattwali. Jibqa pero l-argument ta' l- Appellant illi huwa gie klassifikat fil- Kategorija B bi zball ghaliex id-"dhul" tieghu ma kienx ta' € 221,750, izda kien anqas minn € 100,000 u allura kien jaqa fil- Kategorija D.

15. Illi anke hawn, hadd mill- partijiet ma indika is-sors ta' tali klassifikazzjoni. Ovvjament, it-Tribunal josta jassumi illi tali klassifikazzjoni tohrog minn xi *guidance document* ta' l-istess Awtorita, izda anke hawn it-tribunal huwa sprovist minn tali dokumentazzjoni.

16. It-Tribunal jinsab ukoll kemmxejn perpless kif meta tressqu il- provi dwar dan il-punt, u anke fit-trattazzjoni, il- partijiet jitkellmu dwar "revenue", "income", "dhul" u "qliegh" bhal li kieku kollox ifisser l-istess.

17. Skond it-tabella esebita mill- istess Appellant fir-rikors ta' l- Appell tieghu, huwa car li tali tabella titkellem fuq "revenue". Issa "revenue" huwa dak li persuna tithallas, fi kliem iehor it-"total income" u m' huwiex il- qliegh. Il- qliegh huwa ir-revenue li minnu jitnaqqsu l-ispejjez.

18. Issa jekk l- Awtorita ghandha jew kellha linji gwida li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni ta' attivita a bazi ta' "revenue", allura kellha tindika dan, kif jidher li ghamlet fid-Decizjoni. Izda, stante li it-Tribunal huwa sprovist mid-Decizjoni, u stante li hadd mill- partijiet ma jidika liema huma dawn il- linji gwida, it-Tribunal m' huwiex f' posizzjoni li jistharreg jekk il- komputazzjoni saritx sew.

19. Jibqa ukoll il- punt imqajjem mill- Appellant dwar il- fatt illi skodn ir-returns tat-taxxa tieghu stess, id-"dhul" tieghu kien ferm inqas minn dak dikjarat minnu bhala "revenue" fil- PQ. Issa anke hawn, it-Tribunal ra dawn ir-returns tat-taxxa li jindikaw id-dhul u mhux revenue u ghalhekk anke hawn m' huwiex car x' kien ir-revenue tal-Appellant, dejjem jekk ir-revenue huw ail- bazi tal- kategoirizzazzjoni tal- attivita sabiex tinhadem il- multa.

20. Illi t-Tribunal ihoss illi jkun ferm izjed ekwu jekk l- Awtorita tahdem il- multa skodn il- linji gwida applikabbli fiz-zmien tad-Decizjoni b' dan illi l- Appellant ghandu jinghata il- possibilita li juri ir-revenue jew id-dhul tieghu, skond il- kaz. Certament illi l- ahjar prova f' dan ir-rigward huma ir-retruns tat-taxxa ta' l-istess Appellant li fl-ahhar mill- ahhar huma dokumenti important u verifikabbli u li jinkludu dikjarazzjonijiet serjissimi li jwasslu ghall-konsegwenzi serji hafna f' kaz li jinstab li dawn kienu hziena. Ovvjament, jekk il- kriterju tal- kategorizzazzjoni huwa ir-revenue, tali returns ghandhom ikunu akkompanjati mil- komputazzjonijiet li juru ir-revenue u mhux biss dak indikat bhala "dhul" fir-return tat-taxxa.

Decide

Illi a bazi tas-suespost it-Tribunal qieghed jilqa limitatament dan l- appell u jirrinviha l- atti lura lill- Awtorita sabiex terga tittiehed id- Decizjoni in linea ma dak deciz f' din is-sentenza.

L- ispejjez ta' dan l- appell ghandhom jinqassmu bejn il- partijiet.